dan is-suġġett?

La darba l-kittieba jitwieldu u le jsiru—saħansitra jekk il-ħajra għall-kitba tkun il-qligħ tal-flus!—hi ħaġa ċara li f'kull art il-perċentaġġ tal-kittieba hu żgħir: għalhekk f'nazzjon hekk żgħira' bħal din ma jistax ikun li l-għadd tal-kittieba kbar jilħaq aktar minn tnejn jew tlieta f'kull ġenerazzjoni. Meta nazzjon ġà jkollha letteratura, ma jimpurtax (forsi) wisq jekk ikunu ippubblikati għadd ta' xogħlijiet ta' siwi letterarju mhux kbir u li biż-żmien imutu, imma fil-kas tagħna aħna rridu nħawlu fl-ilsien Malti u fl-iqsar żmien possibbli xitla letterarja li tagħti frott bnin.

Dan ma jistax isir jekk irridu li l-frott ikun magħmul minn xogħlijiet oriġinali ta' kittieba Maltin biss: għalhekk jien irressaq dan is-suġġeriment—li l-kotba klassiċi jkunu maqluba għall-Malti kemm jista' ikun bla telf ta' żmien; bis-saħħa t'hekk il-Maltin kollha u ta' kull klassi jkunu jistgħu jaqraw dawk il-kotba letterarji li bħalissa jistgħu jtiegħmu l-benna tagħhom dawk biss li jaqrawhom fi traduzzjoni Ingliża jonkella li jafu bl-ilsien li bih huma miktuba dawk il-klassiċi.

Hawn nixtieq ingħid li "Lamb's Tales from Shakespeare" maqlubin għall-Malti kienu sejrin jidhru fl-1940 li ma kienx imħabba l-gwerra, billi żewġ kittieba Maltin magħrufa kienu ittraduċew bejniethom dak ix-xogħol li kien kważi lest għal kollox f'dik is-sena. Nittama li issa, billi l-qagħda tad-dinja tbiddlet, din il-ħidma tagħhom, tassew ta' min ifaħħarha, ma ddumx ma tara d-dawl.

Il-fehma tiegħi hi li l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" ġġiegħel lil kull imsieħeb Malti jaqleb f'ilsienu, jew waħdu, jonkella flimkien ma' ħaddieħor, ktieb kull 12-il xahar. B'dan il-mod fi żmien sena kollna maqlubin għall-Mati xi 50 ktieb klassiku, li magħhom jiżdiedu wkoll dawk ix-xogħlijiet oriġinali li l-kittieba Maltin ikollhom ħila jipproduċu; fl-istess ħin ix-xogħol ta' traduzzjoni ta' l-aqwa kittieba tad-dinja jservi lill-imseħbin ta' taħriġ fl-istil u fil-mod kif ifissru ruħhom u b'hekk ikunilhom ta' ġid kbir kulturali. Sabiex xogħol letterarju ma jkunx tradott darbtejn (ħaġa li tfisser telf ta' żmien) jiena nissuġġerixxi li l-"Għaqda" tagħmel lista ta' klassiċi miktubin fi proża (bħalma huma l-kotba ta' Dickens, Scott, Hardy, eċċ, "I Promessi Sposi" tal-Manzoni, id-"Don Quixote" ta' Cervantes, eċċ., eċċ.) u tqabbad lill-imsieħba tagħha jittraduċuhom skond il-ħila li



huma għandhom fl-ilsien li fih huma miktuba dawk l-opri: b'dan il-mod ma jsirx ħala ta' żmien billi ebda ktieb ma jkun bla ħsieb ta' xejn magħżul għat-traduzzjoni minn aktar minn imsieħeb wieħed.

Ma għandu jkun hemm ebda ħlas—bi flus jew b'xi mod ieħor—imbarra s-sodisfazzjon li wieħed iħoss meta jwettaq biċċa xogħol tassew ta' min jagħmilha — iżda l-Gvern għandu jkun imħejji jilqa' fuq spallejh l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni u jmissu jqassam dan ix-xogħol fost l-istampaturi kollha ta' Malta sabiex dawn jieħdu sehem mhux biss mill-qligħ iżda wkoll fil-ġieħ li jgħinu sabiex tinħoloq letteratura kulturali fl-ilsien Malti.

Forsi ma tkunx ħaġa barra minn lokha jekk inżid ingħid li jiena qlibt mill-Ġermaniż għall-Malti opra klassika miktuba għat-tfal, iżda billi jiena miniex Maltija, ix-xogħol tiegħi, qabel ma jkun ippubblikat, irid ikun mifli minn kittieb Malti li jinqala' għalhekk.

Tiegħek,
MAY BUTCHER,
Sieħba Akkademika tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti"

24, Triq Amery,
Tas-Sliema 4 ta' Lulju, 1945.

## LIL DUN ANTON MIFSUD

*Ta'* DUN KARM

Hemm it-trieq tas-Salib, ħarxa, ġeblija
Fejn ilellex ward ċkejken bil-mijiet,
U tittajjar il-friefet f'dik id-dija
U tal-għasel tipaxxa bil-ħlewwiet.

Hemm it-trieq tal-Pjaċir, watja, xemxija
Fejn jixxeblek l-għolliq ma' xi wardiet,
Tielgħa ma' ġenb il-għolja tat-tbatija,
Ħamra bid-demm ta' nies li minnha għaddiet.

Int għażilt din ta' l-aħħar, għaliex Alla
Sejjaħlek hawn, u int weġibt għas-sejħa:
Fuq tamietek illum tiddi l-Qawsalla.

Oh kieku d-dinja tidħol fis-santwarju
Tar-Ruħ u tara fehmtek kemm hi sbejħa!
Il-Ħena jwarrad biss fuq il-Kalvarju.